67

23 ta' Frar 2021

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
24 FEB 2021
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/3510/20* |
| *Lokazzjoni:* | *34, Triq Gnien Xibla, Xaghra* |
| *Proposta:* | To demolish existing dwelling and construct fifteen residential units. Proposal includes excavation of basement to accommodate garages and car spaces and construction of two pools at ground floor. |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Shaun Sultana**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellanti Shaun Sultana jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2020, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 3510/20.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fis- 27 ta' Jannar 2021, l-istess Kummissjoni irrifjutat l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellanti ihoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annessi:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi l-Awtorita naqset li tikkunsidra fatti materjali u cirkostanzi partikolari tas-sit mertu tal-kaz odjern b' mod korrett.

1.2 Illi huwa car illi l-applikazzjoni sottomessa mill-applikant hija in linea mal-Pjan Lokali li jirregola is-sit in kwistjoni, u kull informazzjoni minnu mitluba a bazi tac-cirkolari 3/20 giet debitament sottomessa.

1.3 Illi l-applikazzjoni dejjem kienet rakkomandata ghall-approvazzjoni u l-Kummissjoni ma setghatx tirrifjuta l-istess applikazzjoni fit-tieni seduta taghha minnghajr ma taghti indikazzjoni li kienet kuntrarja ghall-proposta. Tant illi fl-ewwel seduta il-Kummissjoni talbet izjed informazzjoni, liema informazzjoni fil-fatt l-istess applikant issottometta.

1.4 Illi mis-sottomissjonijiet ulterjuri hekk sottomessi kien car illi l-izvilupp proposta ma kellu l-ebda impatt fuq il-binja skedata.

1.5 Tant illi l-ebda wahda mir-ragunijiet tar-rifjut wiehed ma jistax jifhem ezatt ghaliex l-istess proposta giet rifjuatat stante li huma ragunijiet ta' rijfut li meta moqrija, wiehed ma jistax jifhem bl-ezatt dak li gie deciz u fejn il-proposta ta' l-applikant tmur kontra il-policies hemm indikati.

1.6 Illi f' kull kaz l-izvilupp propost m' ghandu l-ebda impatt fuq il-binja skedata u dan kif ampjament muri fil-mori tal-process ta' l-applikazzjoni u kif jista facilment jintwera fil-mori ta' dan l-appell.

1.7 Illi certament li l-Awtorita kienet obbligata li tqis kull cirkostanza li jista jkollha effett fl-applikazzjoni de quo u tiddeciedi l-istess anke a bazi ta' tali

konsidreazzjonijiet. Dan skont dak provdut fl-artikolu 72 tal-Kap. 552, li pero jaghmilha car illi l-policies vigenti ghandhom ikunu dak li jiddeterminaw l-applikazzjoni.

Ghaldaqstant, l-appellanti qed jitlobu li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkazzjoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanti u jhassar id-decizjoni tal-Awtorita u jordna illi jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Elenku tax-xiedha:

1. Id-Direttur ta' l-Ippjanar sabiex jixhed fuq il-posizzjoni tad-Direttorat u fatti ohra.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**